# Is-Sengħa tal-Palk

*Ta'* NIKOL BIANCARDI

*Ingibu hawn taħt siltiet m'un taħdita li għamel bir-Rediffusion il-ħabib tagħna Nikol Biancardi, is-Segretarju tal-Kumitat tal-Konkors Tijatrali li twieda fil-bidu ta' Marzu 1946 u li kellu bħala Eżaminaturi lill-Kavalier Ġużè Galea M.D., D.P.H., lis-Sur Ġjaċinto Tua P.L., u lis-Sur Gino Muscat-Azzopardi.*

Wisq ftit huwa mfaħħar il-Palk Malti min-nies ta' dehen; ir-raġunijiet huma bosta u l-lum fiħsiebni nsemmi ftit minnhom.

Meta pubbliku intelliġenti jara quddiemu nies li bilkemm jafu jlissnu frażi suret in-nies; meta jmur jara xogħlijiet tijatrali li l-lum rabbew is-sadid u li jirridikolaw lil kull min jirreċitahom, ikun attur tajjeb kemm ikun, il-pubbliku ma jista' qatt iħoss ġibda lejn it-tijatru Malti.

Novelli, Betterton, Bernhardt, Duse, Garrick, Zacconi, Pavlova, Gramatica, Kemble, Emanuel, Ken u bosta artisti kbar oħra, kollha kienu jibżgħu u jaħarbu s-sitwazzjonijiet tqal tal-palk li bihom huma mimlijin il-kotra tal-produzzjonijiet Maltin.

Qtil, avvelenamenti, nisġiet bla sengħa u ħwejjeġ oħra il-lum huma mwarrbin mit-tijatru modern, u, meta jidhru fil-bogħod, ikunu mqegħdin b'xejra naturali ħafna u mhux imfissrin b'ħafna tisbit, għajat, tqanfid ix-xagħar u tkerrih li bihom huma hekk ferħana xi dilettanti Maltin.

Sabiex it-tijatru Malti jintrefa' xi ftit, jeħtieġ li l-produzzjonijiet li qegħdin insemmu jiġu mwarrbin darba għal dejjem. Jeħtieġ li dawk li bil-kemm jafu jiktbu isimhom ma jibqgħux jippużaw aktar ta' awturi.

Min ma jaqrax produzzjonijiet ta' Bracco, Aicard, Giocosa, Ibsen, Mariani, Shaw u kittieba kbar oħra, ma jistax ikollu ħjiel tal-ġmiel tat-tijatru.

**Il-"Grand Guignol"**

Mid-dilettant tal-palk Malti ħadd m'għandu jistenna xi John Barrymore jew xi Robert Donat, iżda kulħadd għandu l-jedd jistenna li ser jara, għallinqas, nies li jafu jitkellmu u li jifhmu tassew xi jkunu qegħdin jagħmlu.

L-ebda ħaġa ma tista' timxi 'l quddiem mingħajr sagrifiċċji.
Fl-1897 twieled it-tijatru tal-"Grand Guignol" fi Franza. Il-"Grand Guignol" huwa tijatru ta' drammi qosra, jew buzzetti, li jsaħħnu d-demm u jħawwdu l-moħħ. Ftit qabel is-sena 1910, il-"Grand Guignol" beda dieħel fl-Italja bis-saħħa ta' l-artisti magħrufa Bella Starace Sainati u Alfredo Sainati li, għall-ħabta tas-sena 1928 konna rajnieh fit-Tijatru Rjal ta' Malta. Fost il-produzzjonijiet li kien għamel huwa kien ħadem *L'anticamera della Morte* tas-Sur Tua, wieħed mill-Eżaminaturi tal-Konkors Tijatrali.

Għall-bidu Sainati kellu tfixkil kbir sew mill-pubbliku Taljan, li ma kienx imdorri b'din ix-xorta ta' tijatru, u sewwa mill-ġurnali. Bit-tbatija u bis-sagrifiċċji, il-pubbliku beda jitgħallem u beda jagħti qima lil min qabel kien kasbar. Il-lum, wara iżjed minn tletin sena l-Italja, flimkien mad-dinja tijatrali kollha, warrbet il-"Grand Guignol" għal tijatru aktar modern u ħaj.

Hawn Malta ma fiħsiebna nitbiddlu qatt: sejrin nibqgħu b'dawk il-produzzjonijiet li ħdejhom il-"Grand Guignol", avolja tijatru baxx, huwa xi ħaġa famuża.

Jeħtieġ nitgħallmu dawba għal dejjem li l-lum il-monologu hu mwarrab mit-tijatru modern; li l-ismijiet igħajtu biex tiġbed lin-nies m'għadhomx użati u li l-finali ta' l-atti m'hemmx bżonn isiru b'ħafna tisbit u għajat biex iqanqlu ċ-ċapċip. Jeħtieġ nitgħallmu. It-tijatru huwa x-xebh tal-ħajja tagħna. Il-lum l-artifiċjalità qiegħda tgħib minn fuq ix-xefaq tal-palku xeniku modern. Mingħajr qari, studju u tagħlim ma naslu mkien.

Fl-Italja wkoll hemm filodrammatiċi li wara x-xogħol tagħhom jistudjaw produzzjoni biex jagħmluha f'jum ta' btala, bħal nhar ta' Ħadd. Dawn il-kumpaniji fl-Italja huma msejħin *Del Dopolavoro;* u fi Franza *Les Amateurs*, iżda jaħsbuha wisq xorta oħra minn x'uħud mill-filodrammatiċi Maltin li malli jagħmlu erba' partijiet żgħar, jaħtru lilhom infushom prim'atturi, direttturi u impressarji.

**Atturi Kbar**

Meta kellu jagħmel *La Morte Civile*, Amleto Novelli dam xahrejn sħaħ imur għand il-Professur Montanelli, xjenzat mill-aqwa, sabiex ifiehmu l-effetti tal-velenu li titlob mill-att ir ewlieni din il-produzzjoni ta' Giacometti.

Aħna jekk ikollna isem ta' pajjiż jew ta' persunaġġ barrani għal ilsienna lanqas biss niċċaqalqu biex inkunu nafu sewwa kif għandu jiġi mlissen.

L-atturi kbar, sakemm saru ċelebri, bdew jitilgħu t-tarġiet tal-glorja tagħhom waħda waħda. Fost dawn insemmu wieħed biss. Ermete Zacconi beda l-karriera artistika tiegħu meta kellu 8 snin, ma' missieru (Giuseppe Zacconi, artist kbir ieħor). Ta' 20 sena beda jagħmel partijiet sekondarji ma' Tommaso Mazza u wara ma' Nicola della Guardia, ma' Lambertini, Majeroni, Vestri Leopoldo, Enrico De Domenici u ma' oħrajn. Fl-aħħar, bħala amoruż u prim attur, ma' Verardini, ma' Emanuel Rossi, u bosta oħrajn, sakemm beda jgħaqqad kumpanijiet kbar huwa stess. B'hekk kiber Zacconi: ftit, ftit.

Id-dilettanti tagħna huma neqsin ukoll mill-irtokk, li huwa wieħed mill-ħtiġiet kbar ta' l-attur. Is-sagrifiċċji li kien jagħmel Lon Chaney (il-missier), u li għadu jagħmel Charles Laughton biex ikunu rtukkati kif jixraq huma magħrufin biżżejjed. L-irtokk qabel kollox skond il-karattru li ikollok u skond il-persunaġġ li tkun qiegħed tirrappreżenta. Il-kobor tal-parti fl-irtokk m'għandhiex x'taqsam. Jekk inti għandek parti ta' xiħ ta' 70 sena, il-pubbliku jrid jara dak li int u ma jimpurtahx jekk għandekx parti kbira jew żgħira.

Barra li aħna neqsin minn bosta ħtiġiet tal-palk, il-produzzjonijiet li ngħażlu jkomplu jwaddbuna lura. Tara nies jintilfu jittraduċu drammi li ilhom imwarrbin fuq it-30 sena mid-dinja tijatrali; oħrajn, ma' l-ewwel film li jaraw, arahom jiktbuh f'jumejn, u oħrajn flok jittraduċu kelma b'kelma jew bir-reqqa li jeħtieġu xogħlijiet kbar, arahom jirranġaw b'mod l-aktar ħawwadi l-produzzjonijiet li swew snin ta' studju lil awturi tabilħaqq kbar.

U fiex jikkonsistu l-kotra tal-produzzjonijiet tal-palk Malti? F'ħafna suġġetti bla sens; f'ħafna karattri ta' nies li qatt ma eżistew fil-ħajja; irġiel li għal kull ħaġa ta' xejn ixerrdu xmajjar ta' dmugħ; nisa li l-ħaġa waħdanija li tifridhom mill-irġiel ta' dawn id-drammi hija biss id-dublett. Irġiel li l-ħin kollu jibku, jippriedkaw u jgħajtu: Oh! Sema! Imma tgħid dawn in-nies qatt ma marru jaraw film mitkellem? Fejn qatt raw irġiel jibku u jolfqu?...

**L-Ilsien Malti fil-Kitba**

Meta xi kumpannija Maltija tagħmel xi waħda minn dawk il-produzzjonijiet li żammew lura t-tijatru tagħna, malajr jeħel ma' rashom l-Ilsien Malti. "L-Ilsien Malti"—igħidulek—"ma hux sabiħ; m'hux addattat għall-palk." Il-lum, wisq iżjed minn żmenijiet oħra, aħna nafu li din hija skuża fiergħa ta' nies li ma jafux jiktbu paragrafu sħiħ bis-sens. B'xorti ħażina, iżda, il-produzzjonijiet ta' nies bħal dawn jiġu milqugħin aktar mill-kotra l-kbira tal-pubbliku tagħna. Ċerti nies jogħġobhom kollox u jċapċpu għal kull ħaġa ta' xejn; biżżejjed tlaqqa' omm ma' binha wara firda kbira biex tqanqal applaws qawwi; biżżejjed tgħajjira baxxa lil dak li l-Maltin isejħulu t-*tirann;* biżżejjed żewġ għajtiet biex dan iċ-ċertu pubbliku jfarrak it-tijatru biċ-ċapċip. Iżda lil nies li għandhom ftit moħħ f'moħħhom, dan iċ-ċapċip aktarx iħammrilhom wiċċhom milli jneffaħhom. Il-produzzjonijiet moderni ma jqanqlux ċapċip irħis għax ma jkunx fihom *effetti plateali.*

Barra l-produzzjonijiet qodma, kif għedna fil-bidu, hemm nuqqasijiet oħra ftit jew wisq koroh: bosta minn dawk li jkollhom parti f'kummiedja jippretendu li għandhom idaħħku daqs il-brillant. Dan huwa żball kbir. Waqtiet biex il-komiku jkun jista' jagħmel figura jkun irid mis-serjetà tal-prim'attur jew l-amoruż. Jekk dawn ukoll jippruvaw idaħħku, il-kuntrast bejn il-komiku u id-drammatiku jispiċċa u l-effetti mixtieqa mill-awtur itiru mar-riħ.

It-tijatru huwa għajn ta' tagħlim u jkun bla ġieħ dak il-bniedem li qabel ma jitla' fuq palkuxeniku ma jistudjax b'reqqa l-parti tiegħu.

Aħna nafu li b'din it-taħdita lqatna bosta dilettanti li aħna nqimu b'qalbna kollha, iżda, biex ingħoġbu lilhom, aħna ma għandniex ingħidu abjad dak li hu iswed.

Jekk fehmu tajjeb il-ħsieb li għalih għamilna din it-taħdita, huma mhux talli m'għandhomx jeħduha kontra tagħna, iżda talli għandhom jgħinuna mill-aħjar li jistgħu biex it-tijatru Malti jikber u jimxi 'l quddiem.